**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**- vs -**
**Mario Spiteri**

Illum 21 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dan l-appell huwa naxxenti minn zewg ilmenti tar-rikorrent. L-ewwel ilment huwa li l-akkuza kif dedotta kontra tieghu ma kellhiex twassal ghas-sejbien ta’ htija tar-rikorrent stante li l-vettura de quo kienet mikrija lill-terzi u ma kienetx uzata minnu fil-hin li l-ufficcjal hareg it-Traffic Offence Ticket. It-tieni lment huwa li l-Kummissarju tal-Gustizzja qatt ma messu mpona l-multa ta’ difiza frivola ghaliex ir-rikorrent talab li jinstemghu l-provi.

Il-Qorti jidrilha illi l-ilmenti tar-rikorrent huma gustifikati. Persuna qatt ma tista’ tinstab hatja li pparkjat f’post ipprojbit meta tista’ turi li l-vettura kienet f’idejn persuna ohra u b’mod partikolari f’kazijiet ta’ karozzi tal-kiri. Il-prezunzjoni li l-vettura hija uzata minn sidha ghandha titlef mill-piz taghha meta persuna tixtieq u fil-fatt iggib prova kontrarja. Inoltre id-dritt ta’ difiza huwa dritt fundamentali u f’dan il-kaz ma jidhirx illi l-invokazzjoni ta’ dan id-dritt sar b’xi mod frivolu.

Ghal dawn il-mottivi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tirrevoka u tvarja s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur